



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 08/18

il-Lussemburgu, 25 ta' Jannar 2018

Sentenza fil-Kawża C-473/16
F vs Bevándorlási és Állampolgársági Hivatal

Applikant għal ażil ma jistax jiġi suġġett għal test psikoloġiku sabiex tiġi ddetterminata l-orjentazzjoni sesswali tiegħu

Fil-fatt, it-twettiq ta' tali test jikkostitwixxi ndħil sproporzjonat fil-ħajja privata tal-applikant

F'April 2015, ċittadin Niġerjan applika għal ażil quddiem l-awtoritajiet Ungeriżi fejn sostna li kien jibża' li jiġi ppersegwit fil-pajjiż ta' oriġni tiegħu minħabba l-omosesswalità tiegħu. Minkejja li dawn l-awtoritajiet kienu kkunsidraw li d-dikjarazzjonijiet ta' din il-persuna ma kienux kontradittorji, huma ċaħdu l-applikazzjoni minħabba li l-perizja psikoloġika li kienu ordnaw sabiex tiġi rriċerkata l-personalità tal-applikant ma kinitx ikkonfermat l-orjentazzjoni sesswali allegata minn dan tal-aħħar.

L-applikant għal ażil ressaq rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem il-qrati Ungeriżi fejn sostna li t-testijiet psikoloġiċi tal-perizja inkwistjoni kienu jimminaw b'mod gravi d-drittijiet fundamentali tiegħu mingħajr ma kienu jippermettu li tiġi evalwata l-verità dwar l-orjentazzjoni sesswali tiegħu.

Adita b'din il-kawża, is-Szegedi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (il-Qorti Amministrattiva u Industrijali ta' Szeged, l-Ungerija) tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk huwiex possibbli għall-awtoritajiet Ungeriżi li jevalwaw id-dikjarazzjonijiet ta' applikant għal ażil dwar l-orjentazzjoni sesswali tiegħu billi jibbażaw ruħhom fuq perizja psikoloġika. Fl-ipoteżi fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi fin-negattiv għall-ewwel domanda, il-qorti Ungeriża tftitx ukoll li ssir taf jekk madankollu jeżistux metodi ta' perizja li l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jużaw sabiex tiġi eżaminata l-kredibbiltà tal-allegazzjonijiet magħmula fil-kuntest ta' applikazzjoni għal ażil ibbażata fuq riskju ta' persekuzzjoni minħabba l-orjentazzjoni sesswali.

Permezz tas-sentenza tagħha mogħtija lllum, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata qabel xejn li d-direttiva dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' status ta' refuġjat¹ **tippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali jordnaw perizja** fil-kuntest tal-eżami ta' applikazzjoni għal ażil sabiex jiġi ddetminat aħjar il-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali reali tal-applikant. Madankollu, **il-modalitajiet ta' eventwali rikors għal perizja għandhom ikunu konformi mad-drittijiet fundamentali** ggarantiti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, bħad-dritt għar-rispett tad-dinjità tal-bniedem u d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja.

F'dan il-kuntest, ma jistax jiġi eskluż li, fl-evalwazzjonijiet tad-dikjarazzjonijiet ta' applikant għal ażil dwar l-orjentazzjoni sesswali tiegħu, ċerti forum ta' perizja jkunu utli għall-evalwazzjoni tal-fatti u taċ-ċirkustanzi ppreżentati fl-applikazzjoni u jistgħu jitwettqu mingħajr ma jinkisru d-drittijiet fundamentali tal-applikant. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza madankollu li, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' applikant dwar l-orjentazzjoni sesswali tiegħu, l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali **ma jistgħux jibbażaw id-deċiżjoni tagħhom biss fuq il-konklużjonijiet ta' perizja u ma għandhomx ikunu marbutin b'dawn il-konklużjonijiet.**

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, fil-każ fejn it-twettiq ta' perizja psikoloġika intiża għall-evalwazzjoni tar-realtà tal-orjentazzjoni sesswali ta' applikant għal ażil tiġi ordnata mill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-evalwazzjoni tal-applikazzjoni, il-persuna suġġetta għal

¹ Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala beneficiarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU 2011, L 337, p. 9)

din il-perizja tkun tinsab f'sitwazzjoni fejn il-futur tagħha jiddependi strettament mir-risposta li dawn l-awtoritajiet jirriżervaw għall-applikazzjoni tagħha. Barra minn hekk, eventwali rifjut mill-applikant li jissuġġetta ruħu għat-testijiet inkwistjoni jista' jikkostitwixxi element importanti li jibbażaw ruħhom fuq l-awtoritajiet sabiex jiġi ddeterminat jekk din il-persuna sostnietx biżżejjed l-applikazzjoni tagħha.

Konsegwentement, anki jekk it-tweġġ ta' tali testijiet jiġi formalment suġġett għall-kunsens tal-persuna kkonċernata, dan il-kunsens ma huwiex neċessarjament ħieles peress li huwa impost taħt il-pressjoni taċ-ċirkustanzi li jkun jinsab fihom l-applikant għal ažił. Issa, f'dawn il-kundizzjonijiet, **ir-rikors għal perizja psikoloġija sabiex tiġi ddeterminata l-orjentazzjoni sesswali tal-applikant jikkostitwixxi ndħil fid-dritt ta' din il-persuna għar-rispett tal-ħajja privata tagħha.**

Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk dan l-ndħil fil-ħajja privata jstax ikun iġġustifikat mill-għan tal-ġbir tal-elementi utli għall-evalwazzjoni tal-bżonn reali ta' protezzjoni internazzjonali tal-applikant, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li perizja tista' ssir biss jekk tkun ibbażata fuq metodi biżżejjed affidabbli, punt li ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddeċiedi dwaru iżda li ġie kkontestat mill-Kummissjoni u minn diversi gvernijiet. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li **l-effett ta' tali perizja fuq il-ħajja privata huwa sproporzjonat meta mqabbel ma' dan il-għan.** Dwar dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva b'mod partikolari li **tali ndħil huwa partikolarment gravi, peress li huwa intiż sabiex tiġi stabbilita stampa tal-aspetti l-iktar intimi tal-ħajja tal-applikant.**

Il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva wkoll li t-tweġġ ta' perizja psikoloġika intiża għad-determinazzjoni tal-orjentazzjoni sesswali ta' applikant għal ažił **ma hijiex indispensabbli** sabiex tiġi evalwata l-kredibilità tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant dwar l-orjentazzjoni sesswali tiegħu. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li, fid-dawl tad-direttiva, f'sitwazzjoni fejn l-orjentazzjoni sesswali tal-applikant ma tkunx sostnuta minn provi dokumentati, **l-awtoritajiet nazzjonali, li għandhom ikollhom persunal kompetenti, jistgħu jibbażaw ruħhom, fost l-oħrajn, fuq il-koerenza u l-plawżibilità tad-dikjarazzjonijiet tal-persuna kkonċernata.**

Barra minn hekk, din il-perizja, anki fl-aħjar ipoteżi, għandha biss affidabbiltà limitata b'mod li l-utilità tagħha għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-kredibilità tad-dikjarazzjonijiet ta' applikant għal ažił tista' tiġi kkontestata, b'mod partikolari fil-każ fejn, bħal fil-każ inkwistjoni, id-dikjarazzjonijiet tal-applikant ma jinkludux kontradizzjonijiet.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li **r-rikors għal perizja psikoloġika sabiex tiġi evalwata r-realtà tal-orjentazzjoni sesswali ta' applikant għal ažił ma hijiex konformi mad-direttiva moqrija fid-dawl tal-Karta** ².

TFAKKIRA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qorti tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' tilwima li jkun aditi biha, li jistaqsu lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tiddeċidix it-tilwima nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssolvi l-kawża f'konformità mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, il-qorti l-oħra nazzjonali aditi bi problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Holly Gallagher ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

² Artikolu 7.